## ĦAL LUQA

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## It-TMIEN KUNSILL

**SEDUTA NRU. 41 – Il-ĦAMIS, 15 ta' Diċembru 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa , l-Ħamis 15 ta' Diċembru 2022

Preżenti:

| | |
|---|---|
| John Schembri | Sindku |
| Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Lucia Massa | Kunsillier |
| Maria Magri | Kunsillier |
| Andrew Cassar | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

| | |
|---|---|
| Eric Camilleri | Kunsillier |

**Uffiċċjali Preżenti**: Karen Camilleri, Deputat Segretarju Eżekuttiv

Il-laqgħa ġiet preseduta mis-**Sindku John Schembri**

1. **Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 40**

**Is- Sindku John Schembri** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 40, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** ssekondat.

Il-Minuti għal Seduta Nru 40 ġew approvati b'mod unanimu.

**2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

2.1 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li nhar is-27 ta' Diċembru se ssir il-ħarġa għal Għawdex, fl-okkażjoni tal-Milied.

2.2 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li l-materjal tal-kompetizzjoni fl-iskola primarja, nġabar u se tkun qed issir il-presentation tal-premijiet it-Tlieta jew il-Ħamis, iżda dan se jkun qed jiġi kkonfermat mas-Surmast. Is-Sindku stieden lill-Kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni sabiex jattendi għal din il-preżentazzjoni.

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li l-membri qed jiġu mistiedna għall-attivita' fl-okkażjoni tat-tnedija tar-Reġjun Kulturali 2023, nhar il-Ġimgħa 13 ta' Jannar.

2.3 Is-Sindku John Schembri nfurma li fl-okażżjoni tar-Reġjun Kulturali 2023, ġew imressqa żewġ proposti mill-Kunsill lill-istess reġjun, fejn se jkun qed jiġi organizzat għall-ewwel darba l-Festival tal-Mazziet bit-tema 'Niskorpu Ħal Luqa'.

2.4 Barra minhekk se jkunu qed jiġu organizzati sessjoni ta' Virtual Reality 360, fejn ir-residenti se jkunu mistiedna għal din l-attivita'. Huwa maħsub li din l-attivita' ssir fis-sala tal-Kunsill, nhar l-10 ta' Ġunju 2023.

2.5 Is-Sindku John Schembri nfurma li saret talba għall-installar ta' żewġ bankijiet ħdejn il-football grounds.

2.6 Is-Sindku John Schembri nfurma li d-dawl tal-Milied fit-toroq sare, minkejja l-fatt li kien hemm min qal li mar xejn mill-Kunsill.

.

**3 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta’ Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Frederick Aquilina** ssekonda.

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta’ Ħlasijiet.

**4 TMIEM TAL-LAQGĦA**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.00p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 10 ta’ Jannar 2023, fil-5.30p.m.

Minuti ġew approvati llum, l______________________

**John Schembri**
SINDKU

**Karen Camilleri**
Deputat Segretarju Eżekuttiv